**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEGISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 23**

28 ta' Novembru 2016

Il-Kunsill Lokali Floriana Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.20 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Avukat Dr Matthew Paris | ( MP ) | Kunsillier |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

MEMBRI TAL- PUBBLIKU : (0)

**ASSENTI B' APOLOĠJI (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3) :-**

Is-Sur Vince Borg — Viċi Sindku

**ASSENTI :-**

Michaela Farrugia — Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI :-**

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili pprsediet il-laqgħa.

**23.1 QARI TAL- ITTRI TA' APOLOĠIJI**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra t' apoloġija tas-Sur Vince Borg u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

23.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

23.2.1 Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tnejn u għoxrin (22) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

23.2.2 MP ressaq mozzjoni issekondata minn JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija.

Ittieħed vot bir-riżultat ikun :

Favur - 3 (DSH, MP, JAE)

Kontra - 0

Astensjonijiet – 0

23.2.3 Sussegwentement il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill ġew iffirmati mis-Sindku DSH u mis-Segretarju Eżekuttiv MLL.

23.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

23.3.1 **Proġett Finanzjat minn MTA**

Ġie nnotat li minħabba l-proġett tal-MTA li għaddej bħalissa, sar diffiċli li tgħaddi minn Ġnien Preziosi. Għalhekk għandha ssir kommunikazzjoni mal-awtoritatjiet responsabbli mill-proġett sabiex ikompli mill-aktar fis.

23.3.2 **Tisbieħ fil-Ġonna**

DSH preżentat ritratti li juru forma kbira ta' ljun miksi bil-ħaxix qisu turf u struttura ta' funtana mimlija bil-qsari u l-fjuri bil-ħsieb li jiġu attwati fi Gnien ir-Re Gorġ 5 u ħdejn Binja Vilhena.

Il-membri preżenti qablu li l-ELC u l-kuntrattur responsabbli miż-żamma tal-ġonna għandhom jiġu nfurmati b' dan il-proġett u ser jintalbu jgħinu sabiex dawn jiġu attwati waqt li titfittex għajnuna minn sponsor.

Ix-xogħol fuq il-funtana ser isir minn ħaddiem tal-Kunsill waqt li għax-xogħol tal-tal-iljun ser tintalab l-għajnuna tal-ELC u/jew ta' xi artist Furjaniż.

23.3.3 **RWP1 – 1429/16 Triq J Lopez, Triq Vilhena, Triq l-Isqof M Caruana**

Saret riferenza għal-korrispondenza tal-Water Services Corporation fejn il-Kunsill qal li ma kienx ser iħallas l-ispejjez addizzjonali indikati fl-email datata 27 t' Ottubru 2016.

Għandhom jiġu nfurmati li dawn ix-xogħolijiet għandhom jinbdew minnufih.

**23.3.4 Program tal-Qbid tal- Ħamiem**

Ġie diskuss il-progress li sar fil-qbid tal-ħamiem mis-Sur Lawrence Formosa, fejn fi żmien ta' sitt ġimgħat inqabdu madwar 130 ħamiema.

Għalhekk dawk preżenti unanimament qablu li jestendu dan l-eżeċizzju għall sitt ġimgħat oħra li bih tiġi kontrollata kemm jista jkun il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem.

**NB: 5.40pm - Il-Kunsillier AD attenda għal laqgħa**

**23.3.5 Ċirkolari DLG 43/2016 Allokazzjoni Finanzjarja għal 2017**

Saret referenza għal imsemmija ċirkolari partikolarment għall-allokazzjoni li messet lil Floriana ie €354,901.52.

Ġie spjegat li din il-figura kopriet in-numru ta' djar residenzjali, ħwienet u uffiċini, it-tiswijiet tat-toroq u l-knis tat-toroq, kif ukoll fost oħrajn l-ammont minfuq fuq it-tipping fees bażat fuq in-numru ta' propjetajiet.

Il-Kunsill ħassu diżappuntat bl-ammont allokat meta wieħed iqis il-volum tan-nies li kuljum jgħaddu u/jew jaħdmu l-Floriana.

Il-Kunsill ikkonsidra li jista japplika għal xi fondi msemmija fl-istess ċirkolari cioe' mill-Fond tal-Proġetti Kapitali u mill-Fond għal Proġetti Innovattivi u Kreattivi fuq Livell Lokali.

La saret l-allokazzjoni, issa ser jitfasslu l-Estimi Annwali tal-Kunsill u tiġi organiżżata l-laqgħa tal-lokalità. Din ser tinżamm fit-28 t' Diċembru 2016 fis-7:00 fis-Sala tal-Kunsill li għaliha jkunu jistgħu jattendu l-persuni li jidhru fir-Reġistru Elettorali.

**23.3.6 Il-Proġett tal-Funtana tat-Tritoni – PA 5739/16 – Construction Management Plan**

Fil-25 ta' Novembru 2016, il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Pjan ta' Kostruzzjoni u Ħidma tal-imsemmi proġett fejn il-Kunsill intalab jgħaddi l-kummenti tiegħu u feedback rigward dan l-istadju tal-proġett.

Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera li dan il-pjan għandu jintbagħat lill-Perit tal-Kunsill biex ikun assigurat li x-xogħol issir skond kif dikjarat fl-imsemmi dokument.

Il-Perit għandu jara li jkun assigurat il-benessere ta' min ikun għaddej minn hemm bil-mixi kif ukoll li l-post għandu ikun imdawwal sew.

Dawk preżenti iddeċidew ukoll li dan id-dokument għandu jgħaddi lill-entitajiet li joperaw fil-viċinanzi tal-proġett, il-lukandi Phoenicia u Excelsior, l-MCP Car Park kif ukoll il-Floriana Football Club sabiex ikunu nfurmati.

23.3.7 **Korrispondenza ta' membru tal-Kleru tal-Floriana mibgħuta lill-Transport Malta**

Transport Malta kitbet lill-Kunsill biex jgħati l-kummenti fuq ittra li bagħat membru tal-Kleru tal-Floriana fejn talab li jingħata reserved parking quddiem id-dar tiegħu minħabba li jkollu jċaqlaq il-karozza kull ment jkollu impenji pastorali mhux fil-qrib jew biex iżur lill ommu.

Qed jitlob dan issa peress li riċentement beda' jaqla ċitazzjoni kull darba li jipparkja fuq bankina wiesgħa ħafna biswit id-dar tal-Kappilan.

Ta' min jinnota li riċentament kien hemm diversi lmenti anke minn għalliema – dan wara li riċentement wardens qed jgħatu ċitazzjonijiet wara li xi ħadd ikun irraputalhom dwar parking fuq din il-bankina partikolari.

Fil-fatt il-Kunsill għandu meeting mal-Malta Union of Teachers din il-ġimgħa dwar dan. Għal din il-laqgħa ser ikun hemm ukoll l-avukat tal-Kunsill.

Wara l-laqgħa il-Kunsill jgħaddi l-kummenti tiegħu fuq it-talba.

Dawk preżenti lkoll qablu li l-Kunsill għandu dejjem jimxi mad-direttivi ta' Transport Malta u meta dawn jinbidlu il-Kunsill jaderixxi mat-tibdiliet li jkunu saru.

Barra minn hekk hemm laqgħa skedata għal għada ma' LESA fejn hu ntiż li jiġi diskuss is-servizz tal-wardens f' din il-lokalita'.

Ġie propost minn MP li jsir proġett żgħir għal din il-bankina partikolari biswit id-dar parrokjali, fejn tista' ssir bankina idjaq, li tkun tmiss magħha *service road* u bankina oħra li tkun fuq Triq il-Mall biex b' hekk ikun aktar spazzju għal-parking.

23.3.8 **Il-Proġett tal-Funtana tat-Tritoni – PA 5739/16 – Construction Management Plan**

Fil-25 ta' Novembru 2016, il-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar, il-Pjan ta' Kostruzzjoni u Ħidma tal-imsemmi proġett fejn il-Kunsill intalab jgħaddi l-kummenti tiegħu u feedback rigward dan l-istadju tal-proġett.

Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera li dan il-pjan għandu jintbagħat lill-Perit tal-Kunsill biex ikun assigurat li x-xogħol issir skond kif dikjarat fl-imsemmi dokument.

Il-Perit għandu jara li jkun assigurat il-benessere ta' min ikun għaddej minn hemm bil-mixi kif ukoll li l-post għandu ikun imdawwal sew.
Dawk preżenti iddeċidew ukoll li dan id-dokument għandu jgħaddi lill-entitajiet li joperaw fil-viċinanzi tal-proġett, il-lukandi Phoenicia u Excelsior, l-MCP Car Park kif ukoll il-Floriana Football Club sabiex ikunu nfurmati.

**23.3.9 Website tal-Kunsill**

JAE informa lil dawk preżenti li s-Sur-Stephen Barbara bħalissa qed jaħdem fuq il-website tal-Kunsil, liema website ser tkun disinjata b' tali mod li tkun tajba, faċli li wieħed juża', moderna, fuq kollox user friendly.

**23.3.10 Attivitajiet u spunti**

23.3.10.1 Bħalissa hemm tournament tal-Futball (Qalb Ħanina) fil-ground ta' Ħaż-Żabbar nhar is-Sibt 3 ta' Diċembru;

23.3.10.2 Tournament tad-Darts fil-Floriana Ajax Club fit-18 u 19 ta' Diċembru 2016;

23.3.10.3 Laqgħa proposta tas-Senior Citizens li preferibilment issir konġunta ma' għaqdiet oħrajn lokali.

23.3.10.4 Il-Klabb tal-basketball lokali ser jagħmel donazzjoni ta' €100.

23.3.10.5 Ġie deċiż li ma tibqax issir it-televoting abbinat mal-Festival tal-Logħob tan-Nar filwaqt li ġie konfermat li Noel Catillo ġia ħareġ l-applikazzjonijiet għal min irid jieħu sehem fil-festival tas-sena 2017.

23.3.10.6 Rigward St Patrick' s Day, il-membri qablu li għanda toħroġ sejħa fuq social media sabiex ex-membri u sotto-kumitati jkunu jafu. Għalissa tibqa ssir fin-naħa ta' Balzunetta

23.3.10.7 Il-membri wkoll iddiskutew il-festa Ta' San Pupulju tax-Xitwa li taħbat fil-21 ta' Jannar 2016, fejn qablu li ċ-ċerimonja li ssoltu ssir fis-Sala tal-Kunsill għanda tibda ssir f' xi sede ta' għaqdiet lokali bix-xorti. Isir diskors mis-Sindku, jingħata Ġieħ il-Floriana, rikonoxximent lill-exSegretarji u jitqassmu mementos. Isir

**kumpens mill-Kunsill** għal ħlas li jkunu ntefqu minn dik l-għaqda li tkun ospitat din iċ-ċerimonja.

23.3.11 **Floriana Senior Citizens – Talba biex isir vent fi Triq San Publiju**

Floriana Senior Citizens permezz ta' korrispondenza mibgħuta talbu lill-Kunsill sabiex jgħin biex jitwaħħal vent fi Triq San Pubbliju li miegħu bi ħsiebhom idendlu ornament tal-Milied.

MP għandu jiverifika fejn hu intiż li jitwaħħal dan il-vent eżattament.

Il-membri prezenti qablu li l-Kunsill għandu jgħin biex dan il-vent jitwaħħal.

23.4 **TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

23.4.1 **Traffic Lights – Triq Sant' Anna**

Ġie nnotat li t-traffic lights ta' Triq Sant' Anna għadhom qed jaqilbu malajr u dan qed ikun ta' nkonvenjent u periklu għall-anzjani li jaqsmu minn fuqhom u dan barra li l-ħoss li jemmetu hu baxx ukoll. Għalhekk ser ssir komunikazzjoni għal darb' oħra ma' Transport Malta f' dan ir-rigward.

23.4.2 **Spralli fi Triq San Publiju**

JAE irrimarka li spralli fi Triq San Puibliju huma kemm xejn għola mill mill-bankina u staqsa jekk jistgħux jitranġaw mill-Kunsill.

DSH qalet ;l peress li dawn huma proprijeta privata iridu jiġu rranġati mis-sidien tagħhom stess.

MLL rrimarkat li fejn kien hemm spralli tal-ħġieġ imkissra sew taħt il-loġoġ ġew imsewwija tempòranjament mill-Kunsill biex jiġi evitat periklu għal min ikun qed jimxi hemm u sar rapport lill-pulizija biex jiġu nfurmati s-sidien sabiex isewwuhom.

23.4.3 **Bankini jiżolqu**

JAE rrimarka li hemm xi bankini li jiżolqu li forsi jistgħu jsiru inqas perikolużi għal min ikun qed jimxi fuqhom.

DSH rrispondiet li dan l-ilment ser jitqajjem waqt il-laqgħa li hemm skedata mal-Awtorita' tal-Ippjanar fl-20 Diċembru 2016.

23.4.4 **Floriana Nursery**

AE informa lil dawk preżenti li l-attivita tal- Floriana Nursery mhux ser tkun konġunta din is-sena u ser ikunu osservati t-thresholds.

**23.4.6 Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari reponsabbli għall-Ippjanar**

Il-laqgħa ma' Onorevoli Dr Deborah Schembri kie net pożittiva u marret tajjeb. Fost oħrajn ġie diskuss ir-riġenerazzjoni tal-Floriana u l-Kunsill talab għajnuna biex isir tisbieħ tal-loġoġ.

Il-Kunsill ġie nfurmat li fix-xhur li ġejjin hemm pjanati skemi ġodda a favur tal-Kunsilli li jkunu jistgħu jgħinu lill-Kunsill iwettaq xi proġett.

**23.4.7 Heritage Trail Quotation**

JAE innota li hemm bosta sinjali tal-Heritage Trail li huma mkissra; ser isir evlwazzjoni tal-ħsara li hemm u ser jintalbu kwotazzjonijiet biex jissewew.

**23.4.8 Stop Sign qrib il-Kunvent tal-Kapuċċini**

JAE rrimarka li l-iStop sign ta' ħdejn il-Kunvent tal-Kapuċċini għandu jiġi miżbugħ biex jidher aħjar u b' hekk jonqos il-periklu għas-sewwieqa.

**23.4.9 Soft Areas ma' ġenb minnhom tal-Mall**

MP irrimarka li s-s-soft area ta' ħdejn l-entratura tal-parkeġġ ta' fuq ix-Xagħra u l-inħawi tal-Klabb tal-Boċċi għandha tiġi msebbħa, waqt li fuq il-bankina tal-Mall għandhom jiżdiedu planters biex jgħatu dehra isbaħ f' din in-naħa.

Għalhekk jistgħu jitpoġġew xi planters hemmhekk.

**23.5 RAPPORTI**

Ma kienx hemm materji diskussi

**23.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

Ma kienx hemm materji diskussi

**23.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

23.7.1 Skeda ta' pagamenti

DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

MP astjena milli japprova l-invoices numerati 1, 82, 87, 90 u 95 fl-imsemmija skeda minħabba konflitt t interess pero' kien japprova l-kumplament.

Il-pagamenti ġew proponuti minn AD u ssekondati minn JAE. Ittieħed vot u l-membri preżenti kollha qablu ħlief għal MP li astjena biss minn dawk imsemmija aktar qabel.

| | |
|---|---|
| Favur | 4 (DSH, MP, JAE, AD |
| Kontra | 0 |
| Astensjonijiet | 0 |

**23.7.2** **RIŻOLUZZJONI – PAGAMENTI PARTIKOLARI**

Is-Sindku ppproponiet riżoluzzjoni sabiex pagamenti mensili għall-servizzi (bħal kontijiet tad-dawl, l-ilma u t-telephone u dawk relatati ma' kuntratti abbinati ma' tenders, ikunu jistgħu jiġu mħallsa qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jkun imiss, filwaqt li jkunu inklużi fl-Iskeda tal-Pagamenti li tkun ser tiġi pppreżentata fl-istess laqgħa.

Din ir-Riżoluzzjoni ġiet sekondata minn MP u l-membri kollha ivvotaw favuriha.

**23.8** **MOZZJONIJIET**

Ma kienx hemm materji diskussi.

**23.9** **OFFERTI PUBBLIĊI U KWOTAZZJONIJIET**

**23.9.1** Il-Kunsill irċieva dawn il-kwotazzjoniet għas-*soft areas* ta' ħdejn Vilhena.

Quotation 6073 ta' AES għal mili ta' 8 ħwat kbar ġodda mimlija bil-ġebel fil-qiegħ u bil-ħamrija sa fuq - €330.40;

Quotation 6076 ta' AES għal tneħħija ta' castor oil plants - €147,50;

Quotation 6077 ta' AES għal tindiif u qtugħ ta' ħaxix selvaġġ ħdejn it-taraġ tal-Kapuċċini - €218,30

Ittieħed vot għall=approvazzjoni tagħhom bir-riżultat ikun :

Favur – 4 (DSH, MP, JAE, AD)

Kontra - 0

Astensjonijiet – 0

Fir-rigward ta' Quotation 6038 ta' AES għal kiri ta' krejn u ta' trakk u t-tneħħija ta' tal-ġebel u terrapin – (€1121,00), dawk preżenti kkonkludew li din ser titqies mill-Kunsill mill-inqas erbgħa xhur oħra.

**23.9.2** **Il-Gabbana fil-Ġnien King George V**

Kien hemm korrispondenza mal-Monitoring Unit sabiex it-tender relatat ma' kiri ta' din il-gabbana ma' jiġiex pubblikat u proċessat permezz tal-ePPS.

Il-Monitoring Unit awtorizza li dan it-Tender joħroġ biss sabiex Kunsill Lokali jkun jista' jotjeni l-aħjar prezz fis-suq bi kwalita' tajba.

Hekk il-Kunsill ikun jista jagħżel l-ogħla offerta sabiex ikollu dħul minn dan il-kjosk u għalhekk il-proċeduri tal-offerti ma japplikawx.

Il-Kunsill ser ikun jista' joħroġ 'Espressjoni ta' Interess' sabiex kulħadd ikollu l-istess ċans li jressaq il-proposti tiegħu. L-avviż għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, u jista' wkoll jiġi publikat ukoll fil-gazzetti lokali.

**23.9.3 Tender - Collection of Bulky Refuse from the Floriana Community, in an environmentally friendly manner**

Peress li dan it-Tender għadu mhux aġudikat u dak preżenti jiskadi fl-aħħar ta' Novembru 2016, il-membri kollha preżenti qabblu unanimament li għalissa dan jibqa jiġġeded taħt l-istess kundizzjonijiet, sakemm jiġi fis-seħħ it-tender il-ġdid. Sar il-ftugħ tal-imsemmi tender permezz tal-ePPS.

Intant, ġie nominat il-bord li ser jaġudika t-tender fil-15 ta' Diċembru 2016, ie

Chairperson – Miss Davina Sammut Hili

Membri : Dr Matthew Paris, is-Sur James A Ellul u s-Sur Albert Demarco.

**23.9.4 Tiġdid tal-Ftehim –G4S**

Peress li l-ftehim mal-G4S (Cash in Transit) dwar il-ġbir u depożitu tal-cash wasal biex jiskadi, dawk preżenti unanimament approvaw li dan għandu jiġġeded għal sitt xhur oħra.

**23.9.5 Tiġdid tal- polza t' assigurazzjoni tal-karozza tal-Kunsill**

Il-membri preżenti qabblu unanimament li għandu jsir tiġdid tal-Polza ta' Assikurazzjoni għal sena oħra favur Island Insurance Brokers vis a vis il-karozza tal-Kunsill, taħt il-kundizzjonijet imsemmija fiċ-Ċirkolari Nru. 33/2016 maħruġa fid-19 t' Ottubru 2016, cioe' li din tkun assigurata taħt *'fully comprehensive'*.

Il-valur jiġi pprovdut mill-kumpanija tal-assigurazzjoni stess skont ir-regolamenti tal-assigurazzjoni.

23.9.6 **JUSTIN ATTARD – MANDAT KAWTELATORJU**

Wara li s-Segretarju Eżekuttiv ikomunika mal-Avukat Dr Martin Fenech dwar il-każ kontra Justin Attard, ingħata parir legali verbali li l-Kunsill jista' jimxi bil-każ billi jinħareġ mandat kawtelatorju kontra s-Sur Attard.

Dawk kollha preżenti unanimament qablu li jmexxu billi jippreżentaw dan il-Mandat.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikkomunika ma' Dr Fenech biex jipproċedi skond il-parir tiegħu.

**23.9.7 Tender tal-Knis**

Saret diskussjoni dwar ilmenti frekwenti u nuqqasijiet li jirrigwardaw is-servizz tal-knis tat-toroq peress li qed jingħata bħal issa waqt li kkunsidraw li s-sejħa għall-offerti ser toħroġ fix-xhur li ġejjin.

Il-membri issuġerewli fit-tender il-ġdid fost speċifikazzjonijiet oħra għandu jkun hemm fost oħrajn li l-karretta jkollha sistema ta' tracking, li jkunu speċifikati n-numru ta' siegħat li għandhom jitwettqu; talba għall-erbgħa kennies li jkunu flessibbli għal bżonnijiet tal-Kunsill; li jaħdmu fuq Sistema ta' shift ie mis-06:00 sat-15:00 u mit-15:00 sas-19:00 matul il-ġimgħa filwaqt li s-Sibt, il-Ħadd u f' festi pubbliċi jkun hemm servizz bejn id-09:00 u s-13:00; u li l- ħasil tat-toroq isir mill-inqas 3 darbiet fis-sena

Il-knis bħalissa jsir it-Tnejn u l-Erbgħa fuq in-naħa ta' Balzunetta waqt li t-Tlieta, l-Ħamis u s-Sibt tinkines in-naħa ta' Vilhena u l-isfelien hemm, Saru kummenti li f' ċertu nħawi qatt ma raw kennies.

Ġie suġġerit li jinħatru '*street leaders*' li jirrapurtaw lill-Kunsill jekk ikun sarx ix-xogħol jew li l-kennies jiffirmalhu xi ħadd mit-triq biex jiġi verifikat li fil-fatt il-knis sar.

MLL issuġeriet li jista' jitqabbad works manager biex jivverifika ix-xogħol jekk is-sistema msemmija ma' tkunx ħadmet, pero' irid jiġi mitqies li dan joħloq spiża addizzjonali.

**23.10 AFFARIJIET OHRA**

**23.10.1 *PERFORMANCE BONUS* TAL-EKS SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

Il-membri preżenti qablu u rrikomandaw unanimament li l-Agent Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata Performance Bonus (pro rata għas-sena 2016) ta' 10%.

**23.10.2 TALBA MINN darC Productions BIEX TINTUŻA S-SALA TAL-KUNSILL**

Saret talba mis-Sur David Rizzo, direttur ta' darC Production sabiex jibda juża s-sala tal-Kunsill bħal post minn fejn tiġi mgħallma d-drama għar-reċtar fuq it-televizjoni li tkun miftugħa għall-dawk minn 5 snin il-fuq, fejn kull klassi tkun

imqassma skont l-etajiet taghhom, kull nhar ta' Gimgha filghaxija u s-Sibtijiet wara nofsinhar.

Talab li minflok ma jsir ħlas favor il-Kunsill, issuġerixxa li persuni li huma registrati bħala residenti Furjaniżi jingħħataw il-kors b'xejn. B' hekk il-Kunsill ikun qed jippromwovi xi ħaga kulturali għar-residenti tal-lokal.

Dawk preżenti unanimament approvaw li dan jista jsir bil-kundizzjoni li jekk il-Kunsill ikollu bżonn jagħmel użu mis-sala, ikollu preċedenza u darC ma jkolliex dritt tużha s-sala f' dawk il-jiem.

Il-Kunsill javza lil darC ġimgħa qabel minn meta jkun ser jagħmel użu mis-sala. darC tista tużha l-imsemmija sala għal tlett xhur biss, iżda tista ssir talba bil-miktub biex jingħata tiġdid wara dan il-perijodu.

Trid tiġi rispettata l-buon ordni biex il-girien ma jsoffrux inkonvenjent partikolarment, tisbit u storbju. Is-Sur Rizzo jkun responsabbli għall-ħlas tal-*overtime* tal-impjegat tal-Kunsill għal kull darba li jitfaħ u jagħlaq l-uffiċju tal-Kunsill. Kull xahar il-Kunsill ser joħroġ invoice għal dan il-ħlas dovut.

**23.10.3 TALBA MINN MSV LIFE**

Din il-kumpanija imbarkat fuq proġett ta' kostruzzjoni kbir fi Triq ???

Saret talba sabiex japplikaw u jħallsu għall-permessi relattivi għal 7 xhur in fila minn issa.

Il-membri preżenti qablu li l-permessi għandhom isiru u jitħallsu kull xahar bil-quddiem.

Il-permessi jiġġeddu kull xahar bil-quddiem bl-approvazzjoni minn qabel tal-membri tal-Kunsill permezz ta' e-mail mibgħuta lill-membri mis-Segretarju Eżekuttiv.

**23.13 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

**23.13.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7:40 u ġiet aġġornata għall- 20 ta' Diċembru 2016 fl-16:30.

**Konfermati llum 20 ta' Diċembru 2016.**

| | |
|---|---|
| DAVINA SAMMUT HILI | M' LOURDES LAUTIER |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |